# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 19 ta' Frar, 2019**

**Numru 6**

**Rikors Numru 514/18TA**

**Mario Attard (I.D. 642057M), Mary Rose Attard (I.D. 501761M) u John Attard (I.D. 669855M)**

**vs**

**Francis Abela (I.D. 145784M), Joseph Abela (I.D. 65043M), Charles Abela (I.D. 757234M), Rose Spiteri (I.D. 269536M), Joe Abela (I.D. 684439M), Horace Abela (I.D. 127548M), Maria Concetta Zarb (I.D. 16845M), Giuseppa Francalanza (I.D. 351146M); Mary Rose Gauci (I.D. 782948M) u Avukat Dr. Ishmael Psaila u Prokuratur Legali Jean Pierre Busuttil li b'digriet tat-13 ta' Gunju 2018 gew nominati bhala kuraturi deputati biex jirraprezentaw lil werrieta mhux maghrufa ta' Maria sive Mary Formosa (I.D. 247133M)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors guramentat ta' Mario Attard, Mary Rose Attard u John Attard mahluf u prezentat fl-24 ta' Mejju 2018 li permezz tieghu ppremettew u talbu s-segwenti:-

"1. Illi dan huwa rikors a tenur tal-Artikolu 258 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li permezz tieghu l-esponenti qeghdin jitolbu li din l-Onorabbli Qorti tiddikjara esegwibbli s-sentenza bin-numru ta' referenza 469/1969/1 fl-ismijiet: "*Salvatore Abela, Giuseppe Abela, Carmelo Abela u Emmanuele Abela vs Teresa Abela u Tarcisia Attard*" moghtija mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Dicembru 1995 (annessa u mmarkata Dok A).

2. Illi whud mill-partijiet hawn fuq imsemmija mietu fil-mori tal-kawza, kif ukoll wara li nghatat is-sentenza u b'hekk dan ir-rikors qieghed isir mill-eredi ta' Tarcisia Attard kontra l-eredi l-ohrajn, li wirtu lill-partijiet l-ohra bis-segwenti mod:

i) Bhalma diga nghad, ir-rikorrenti huma l-werrieta ta' Tarcisia Attard (li kienet konvenuta flimkien ma' ohtha Teresa Abela fil-kawza originali), li mietet fl-20 ta' Marzu 2005;

ii) Teresa Abela mietet intestata fit-8 ta' Ottubru 1981, u cioe matul il-kawza, u fil-fatt, permezz ta' nota tad-29 ta' April 1985 il-partijiet l-ohra kollha fil-kawza kienu assumew l-atti minflokha;

iii) Salvatore Abela miet fl-20 t'Awwissu 1990 u cioe matul il-kawza. Jidher mill-atti tal-istess kawza illi huwa bhala l-uniku eredi tieghu, it-tifel tieghu, Francis Abela, li fil-fatt assuma l-atti b'digriet tal-5 ta' Gunju 1991;

iv) Carmelo Abela miet intestat fis-26 t'April 1973, u cioe matul il-kawza, u b'hekk, permezz ta' digriet tal-24 ta' Gunju 1974, kien assuma l-atti minfloku l-eredi tieghu Giuseppe (Joseph) Abela;

v) Giuseppe Abela (Snr) miet fid-29 ta' Gunju 1996, l-eredi tieghu huma Charles Abela, Mary Formosa, Rose Spteri, Joe Abela u Horace Abela;

vi) Mary Formosa, mietet fit-30 ta' Jannar 2016 u ghalhekk flimkien ma' dan ir-rikors gie pprezentat rikors ghall-hatra ta' kuraturi ghall-eredi taghha mhux maghrufa;

vii) Emmanuele Abela miet fit-28 t'Awwissu 1977 u cioe matul il-kawza u b'hekk kienu assumew l-atti minfloku permezz tad-digriet tal-1 ta' Dicembru 1978, l-eredi Maria Concetta Zarb, Giuseppa sive Josephine Francalanza u Mary Rose Gauci.

## Fatti

3. Illi l-fatti relatati ma' dan il-kaz huma s-segwenti: uhud mill-konvenuti u/jew l-antenati taghhom kienu pprezentaw citazzjoni quddiem din il-Qorti fejn, in succint, talbu li tigi llikwidata favur taghhom il-legittima li kien imisshom skont il-ligi.

4. Illi tali talba ma gietx ikkontestata mill-kontro-parti dak iz-zmien; izda kienet inghatat sentenza li aggravat lill-istess, u b'hekk kien gie interpost appell minn tali sentenza. Fil-frattemp, u cioe sakemm gie appuntat l-istess appell, intlahaq ftehim bejn il-partijiet dwar il-wirt in kwistjoni, b'dana li l-partijiet iffirmaw skrittura privata fl-10 ta' Marzu 1993 fejn gie pattwit illi:-

i) L-attur (illum konvenuti) ghandhom jiehdu indivisament bejniethom ghas-saldu tad-dritt ta' legittima fuq l-ereditajiet tal-konjugi Abela u ta' sehemhom mill-eredita` ta' Teresa Abela, li kienet mietet fil-mori tal-kawza, is-segwenti:-

   - Id-dar Nru 69, Marsa Road, Marsa, inkluz id-dritt illi jdahhlu huma kwalunkwe kera illi tista' tkun ghada dovuta mill-inkwilini prezenti ta' din id-dar;

   - Is-somma ta' (Lm2,600) elfejn u sitt mitt lira (illum €6,056.37) liema ammont ghandu jithallas lilhom mill-konvenuta Teresa Attard fuq il-kuntratt;

ii) Il-konvenuta Tarcisia Attard (illum l-eredi taghha huma r-rikorrenti) tiehu ghas-saldu ta' sehemha mill-wirt ta' Teresa Abela (Attard zbaljat) l-fondi l-ohra li jinsabu fl-imsemmija ereditajiet inkluz id-dritt li tigbor kwalunkwe kirjiet li jkunu ghadhom dovuti jew li gew depozitati l-Qorti, tal-istess fondi, kif ukoll id-depositi Bankarji u titoli li huma f'isem il-mejta Teresa Abela;

iii) L-ispejjez tal-kawza u tal-kuntratt pubbliku ghandhom jithallsu kwantu ghal nofs mill-atturi (illum konvenuti) u kwantu ghan-nofs l-iehor mill-konvenuta Tarcisia Attard (l-eredi taghha llum rikorrenti).

iv) Il-kuntratt ta' transazzjoni ghandu jigu pubblikat min-Nutar li jaqblu fuq l-Avukati taz-zewg partijiet fi zmien xahrejn minn meta jkollu l-permessi kollha necessarji;

v) Il-partijiet jaqblu illi jekk fiz-zmien fuq imsemmi ma jkunx gie ppubblikat il-kuntratt allura huma jaqblu u jitolbu mil-lum stess illi f'dan il-kaz il-Qorti taghti sentenza biex tordna l-esekuzzjoni ta' din it-transazzjoni anki fl-assenza ta' xi hadd mill-partijiet.

5. Illi ghalkemm kienu saru diversi trattattivi sabiex il-kuntratt ta' transazzjoni jigi ffinalizzat, dan baqa' ma sarx, u b'hekk, il-partijiet kollha, b'rikors kongunt tas-17 ta' Novembru 1995, kienu talbu lill-Qorti tal-Appell taghti sentenza a tenur tat-transazzjoni milhuqa quddiemha fl-10 ta' Marzu 1993.

6. Illi b'hekk il-Qorti tal-Appell tat sentenza fl-ispirtu tal-istess transazzjoni u ordnat il-partijiet jonoraw it-trasferimenti ta' flus u proprjeta` li gew pattwiti fl-iskrittura tal-10 ta' Marzu 1993. Fl-ahhar, il-Qorti nnominat lin-Nutar Joseph H. Sciriha sabiex jippubblika l-att relattiv f'wahda mill-Awli tal-Qrati Superjuri f'gurnata u hin li jigi minnha stabbilit fuq talba ta' xi wahda mill-kontendenti jew mill-istess Nutar. Il-Qorti tal-Appell innominat ukoll lill-Avukat Dr. Marco Grixti bhala kuratur biex jirraprezenta l-eventwali kontumaci.

<u>Raguni ghat-Talba</u>

7. Illi ghalkemm ghaddew iktar minn ghoxrin sena minn meta inghatat din is-sentenza, il-kuntratt ta' transazzjoni baqa' ma sarx u b'hekk is-sentenza tal-Qorti hawn fuq imsemmija, kif ukoll l-iskrittura privata ffirmata bejn il-partijiet, ma gewx onorati.

8. Illi fil-21 ta' April 2017, l-esponenti intavolaw rikors (anness u mmarkat Dok B) fl-atti tal-istess sentenza fejn irrilevaw illi kuntratt ma setghax isir ghal diversi ragunijiet u li n-Nutar Joseph H Sciriha ma xtaqx ikompli bl-inkarigu u b'hekk talbu li l-Qorti tissostitwixxi lin-Nutar Daniela Mercieca ghan-Nutar Joseph H Sciriha u li tinnomina lil persuna ohra flok Dr Marco Grixti biex jidher ghal kull eventwali kontumaci, peress illi Dr Grixti kien miet.

9. Illi ghalkemm jidher illi tali rikors kien hareg ghan-notifika, ma hemm l-ebda indikazzjoni fil-process, tali notifika saritx.

10. Illi ghalhekk l-esponenti qeghdin, a tenur tal-Artikolu 258 tal-Kap 12, presenzjalment jadixxu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Dicembru 1995, fl-ismijiet "*Salvatore Abela et vs Teresa Abela et*" tigi ddikjarata esegwibbli bejn il-partijiet prezenti, li huma l-werrieta tal-partijiet f'dik il-kawza.

<u>Talba</u>

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet premessi, l-esponenti umilment jitolbu li din il-Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Dicembru 1995, fl-ismijiet "*Salvatore Abela et vs Teresa Abela et* esegwibbli bejn il-partijiet prezenti;

2. Tissostitwixxi lin-Nutar Joseph H Sciriha (illum irtirat), nominat permezz tal-istess sentenza, ghan-Nutar Daniela Mercieca u tordna li ghall-fini ta' pubblikazzjoni ta' kuntratt tiffissa d-data ghal din il-pubblikazzjoni ghall-25 ta' Marzu, 2019 fis-1.00 p.m. fit-tieni sular tal-Qrati tal-Gustizzja, Belt Valletta hdejn il-Kamra tal-Avukati.

3. Tinnomina persuna ohra flok Dr Marco Grixti (illum mejjet) li gie nnominat permezz tal-istess sentenza sabiex jidher ghal kull eventwali kontumaci;

4. Taghti dawk l-ordnijiet u provvedimenti li jidhrilha li huma xierqa u opportuni.

Bl-ispejjez."

Rat ir-risposta guramentata tal-Konvenuti Francis Abela, Joseph Abela, Charles Abela, Rose Spiteri, Joe Abela, Horace Abela, Maria Concetta Zarb, Mary Rose Gauci u Giuseppa Francalanza prezentata fid-9 ta' Lulju 2018 u mahlufa fis-6 ta' Lulju 2018 minn Joseph Abela li permezz taghha wiegbu s-segwenti:-

“1. Illi l-esponenti jaqblu mal-fatti kif elenkati u deskritti fir-rikors guramentat odjern u dan salv ghal dak li jirrigwarda l-informazzjoni moghtija dwar min huma l-eredi ta’ Salvatore, u Carmelo ahwa Abela;

2. Illi jinghad li l-eredi ta’ Salvatore Abela huma Francis Abela, Mary Abela, Josephine Sweidy u Julie Lindner li llum hija mejta u mhux kif indikat fi-rikors promotur, filwaqt li dawk ta’ Carmelo Abela huma Joseph Abela, Mary Abela, Oreste Abela u l-mejtin Rosina Zerafa, Emanuel Abela u Frans Abela, ukoll mhux kif indikat fir-rikors promotur;

3. Illi jirrizulta li l-informazzjoni moghtija dwar l-eredi tad-defunti Giuseppe u Emmanuele Abela hi korretta;

4. Illi dwar it-talbiet odjerni u dwar il-mertu, l-esponenti jirrilevaw illi huma m’ghandhomx oggezzjoni ghat-talbiet imressqa mir-rikorrenti;

5. Illi madanakollu l-esponenti jopponi ghall-ispejjez kollha tal-proceduri odjerni stante li huma certament ma jahtu ghall-ebda nuqqas u effettivament qatt ma gew interpellati sabiex jersqu fuq xi att pubbliku ta’ divizjoni u/jew transazzjoni;

6. Salv eccezzjoni ulterjuri.

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti li huma minn issa ingunti in subizzjoni.”

Rat in-nota ta’ Francis Abela u ohrajn tat-30 ta’ Ottubru 2018 li biha irtiraw l-ewwel u t-tieni eccezzjoni (a` fol 57);

Rat il-verbal tal-14 ta’ Jannar 2019 fejn il-Konvenuti kollha ma oggezzjonawx ghall-korrezzjoni mitluba mill-Atturi u din il-Qorti laqghet it-talba;

Rat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat li l-kawza giet differita ghal-lum ghas-sentenza;

Rat il-verbal tal-14 ta' Jannar 2019 fejn l-Avukat Dr. Ishmael Psaila informa lill-Qorti li kien dahhal risposta guramentata. B'danakollu sal-lum ebda skrittura jew att f'dan is-sens ma dahal fl-atti ta' din il-kawza.

**Punti ta' fatti**

Il-fatti huma semplici u ma hemm ebda kontestazzjoni dwarhom. Fl-4 ta' Dicembru 1995 inghatat Sentenza mill-*Qorti tal-Appell fl-ismijiet Salvatore Abela u ohrajn kontra Teresa Abela et.* Uhud mill-partijiet mietu fil-mori tal-Kawza u ohrajn wara li nghatat is-Sentenza fuq imsemmija. Il-partijiet f'dik il-kawza kienu lahqu transazzjoni. Sussegwentement, talbu lill-Qorti taghti Sentenza abbazi tal-istess transazzjoni kif fil-fatt gara bid-Decizjoni tal-Qorti tal-Appell imsemmija. L-anqas ma hemm xi kontestazzjoni dwar min wiret lil dawk li kienu partijiet fil-mument li nqatghet is-Sentenza u mietu wara.

**Punti ta' Ligi**

Mill-provi jirrizulta, li ghaddew aktar minn hmistax-il sena minn meta nghatat id-Decizjoni fuq imsemmija. Ghalhekk ma hux kontestat li l-azzjoni ttentata hija bbazata fuq l-artiklu 258(a) tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta. L-Atturi jridu ghalhekk, li permezz tal-ewwel talba jirrinovaw l-ezegwibilta` tat-titolu imnissel mid-Decizjoni tal-Qorti tal-Appell fuq imsemmija. Kwantu ghat-talbiet l-ohra, dawn huma sussegwenti ghall-ewwel talba.

## Konsiderazzjonijiet

Bhala regola rikors taht artiklu 258(a) tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta lanqas jehtieg li jkun notifikat lid-debitur u seta' jsir ukoll b'semplici rikors. Izda fic-cirkostanzi, l-Atturi mxew b'aktar kawtela u presentaw minflok rikors guramentat, haga li hija permessa mil-ligi minghajr ma timporta nullita` u dan skont artiklu 164 tal-istess ligi. Aktar minn hekk, minhabba dak li jiddisponi l-artiklu 259 tal-istess ligi, in-notifika ta' dan ir-rikors hija mehtiega mil-ligi, meta t-talba ghall-ezegwibilita` tat-titolu tkun indirizzata kontra l-werrieta tad-debitur. Dan huwa l-kaz li ghandha quddiemha din il-Qorti.

Ghalhekk fid-dawl tal-qbil li hemm bejn il-partijiet u anke minhabba l-fatt li gew sodisfatti l-elementi kollha tal-ligi, il-Qorti ser tghaddi biex tilqa' t-talbiet Attrici.

## Decide

Ghadaqstant ghar-ragunijiet fuq imsemmija l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi l-kawza bil-mod segwenti:-

**Tilqa' l-ewwel talba** billi tiddikjara bhala ezegwibbli bejn il-partijiet is-Sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell tal-4 ta' Dicembru 1995 fl-ismijiet *"Salvatore Abela et -vs- Teresa Abela et ".*

**Tilqa' it-tieni talba** ghalhekk ai fini ta' pubblikazzjoni ta' kuntratt qed tissostitwixxi lin-Nutar Joseph H. Sciriha bin-Nutar Daniela Mercieca u tahtarha ghal dan il-ghan. **Tordna** li l-imsemmi kuntratt jigi ppublikat fit-13 ta' Mejju 2019 fis-siegha ta' wara nofs in-nhar (1.00pm), fit-tieni sular tal-Qrati tal-Gustizzja, Belt Valletta, hdejn il-Kamra tal-Avukati.

**Tilqa' it-tielet talba** u tinnomina lil Dr. Richard Galea Debono minflok il-kompjant Dr. Marco Grixti, sabiex jidher fid-data u hin fuq imsemmija ghal kull eventwali kontumaci.

**Tilqa' ir-raba'** talba fis-sens, li jekk ghal xi raguni l-kuntratt fuq imsemmi ma jkunx jista' jigi ppubblikat fid-data u hin imsemmija, allura l-partijiet jew min minnhom, huma awtorizzati li jitolbu data alternattiva ghall-istess skop permezz ta' rikors fl-atti ta' dawn il-proceduri.

Fic-cirkostanzi spejjes tal-kawza jibqghu minghajr taxxa u dawk tal-kuratur ghall-kontumaci nofs bin-nofs.

**Imhallef Toni Abela**

**Deputat Registratur**